

32005R1866

17.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 300/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1866/2005**tat-8 ta' Novembru 2005**

**li jestendi s-sospensjoni parzjali
tad-dazji *anti-dumping* definittivi imposti bir-Regolament (KE) Nru 258/2005 fuq l-
importazzjonijiet
ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid jew ta' l-azzar mhux liga maħdumin biċċa waħda li
joriġinaw mill-Kroazja u mill-Ukraina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (¹), ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

¹ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

A. PROĊEDURA

- (1) Wara investigazzjoni ta' reviżjoni mwettqa skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ("investigazzjoni ta' reviżjoni"), il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 258/2005² ("ir-Regolament definittiv"), impona dazju *anti-dumping* ta' 38,8% fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid jew ta' l-azzar mhux liga maħdumin ħaġa waħda ("SST") li joriġinaw mill-Kroazja u dazju *anti-dumping* ta' 64,1% fuq importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ukranja bl-eċċezzjoni ta' importazzjonijiet minn Dnipropetrovsk Tube Works ("DTW") li huma soġġetti għal dazju ta' 51,9% ("il-miżuri eżistenti"). Għalhekk, ir-Regolament definittiv emenda dazji *anti-dumping* definittivi permezz tar-Regolament (KE) Nru 348/2000³ u rrevoka l-possibilità ta' eżenzjoni mid-dazji previsti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 348/2000 ("il-miżuri oriġinali").
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni 2005/133/KE⁴ ("id-Deċiżjoni"), il-Kummissjoni ssospendiet parzjalment id-dazji *anti-dumping* definittivi għal perijodu ta' disa' xhur, b'effett mit-18 ta' Frar 2005.

² ĠU L 46, 17.2.2005, p. 7.

³ ĠU L 45, 17.2.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 258/2005.

⁴ ĠU L 46, 17.2.2005, p. 46.

**B. MIŻURI FIS-SEĦĦ FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET TA' SST
MIR-RUMANIJA U R-RUSSJA**

- (3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2320/97, ġew imposti dazji *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' SST li joriġinaw, *inter alia*, fir-Rumanija u r-Russja⁵. Permezz tad-Deċiżjonijiet 97/790/KE⁶ u 2000/70/KE⁷, ġew aċċettati impenni minn esportaturi, *inter alia*, fir-Rumanija u r-Russja. Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1322/2004⁸, ġie deċiż li, bi prudenza, il-miżuri fis-seħħ ma jibqgħux jiġu applikati aktar għall-importazzjonijiet ta' SST li joriġinaw mir-Rumanija u mir-Russja ("il-miżuri mhux applikati") minħabba l-imġiba xejn kompetittiva ta' ċerti produttori Komunitarji⁹.

Ċ. RAĠUNIJIET SABIEX TIĠI ESTIŻA S-SOSPENSJONI PARZJALI

- (4) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, jistabbilixxi li, fl-interess tal-Komunità, il-miżuri *anti-dumping* jistgħu jiġu sospiżi għar-raġuni li l-kondizzjonijiet tas-suq inbidlu temporanjament sal-punt li mhuwiex probabbli li terġa' tibda ssir ħsara b'konsegwenza ta' din is-sospensjoni. Il-miżuri *anti-dumping* jistgħu jiġu sospiżi b'deċiżjoni tal-Kummissjoni għal perijodu ta' disa' xhur. L-Artikolu 14(4) jispeċifika wkoll li s-sopsensjoni tista' tkun estiża għal perijodu ulterjuri li ma jkunx ta' iktar minn sena, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk fuq proposta tal-Kummissjoni. L-Artikolu 14(4) jkompli jispeċifika li dawn il-miżuri *anti-dumping* jistgħu jerġgħu jiddaħħlu fi kwalunkwe ħin jekk ir-raġuni għas-sospensjoni ma tibqax applikabbli.
- (5) Wara s-sospensjoni parzjali tad-dazji *anti-dumping* definittivi minn din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kompliet tissorvelja s-sitwazzjoni tas-suq ta' l-SST, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-importazzjonijiet mill-Kroazja u l-Ukraina.

⁵ ĠU L 322, 25.11.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1322/2004 (ĠU L 246, 20.7.2004, p. 10).

⁶ ĠU L 322, 25.11.1997, p. 63.

⁷ ĠU L 23, 28.1.2000, p. 78.

⁸ ĠU L 246, 20.7.2004, p. 10.

⁹ Ara l-premessi (9) et seq. tar-Regolament (KE) Nru 1322/2004.

- (6) Eżami ta' flussi ta' importazzjonijiet reċenti juri li l-importazzjonijiet mill-Kroazja u l-Ukraina baqgħu f'livelli baxxi ħafna.
- (7) Huwa kkunsidrat li s-suq jinsab fl-istess sitwazzjoni ta' meta l-miżuri kienu parzjalment sospiżi. Meta wieħed jikkonsidra l-livelli baxxi ħafna ta' l-importazzjonijiet mill-Kroazja u l-Ukraina, huwa kkunsidrat li, f'din is-sitwazzjoni speċifika, m'huwiex probabbli li terġa' tibda ssir ħsara lill-industrija tal-Komunità li kieku s-sospensjoni parzjali tal-miżuri kellha tiġi estiża. Tabilħaqq, sakemm jibqgħu fis-seħħ il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, fejn huwa mistenni li l-importazzjonijiet mir-Russja u r-Rumanija jibqa' jkollhom preżenza b'saħħitha, m'huwiex mistenni li l-importazzjonijiet mill-Ukraina u/jew mill-Kroazja jiżdiedu sostanzjalment. B'riżultat ta' dan, m'huwiex mistenni li l-ħsara terġa' tibda b'konsegwenza ta' din l-estensjoni tas-sospensjoni. Tabilħaqq, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali rigward, *inter alia*, in-nuqqas ta' appliazzjoni tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet mir-Russja u r-Rumanija, huwa kkunsidrat li l-livelli ta' dazji ta' 23% u 38,5% stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali għall-Kroazja u l-Ukraina rispettivament ikunu biżżejjed biex jeliminaw id-*dumping* ta' ħsara.
- (8) Huwa propost li, għar-raġunijiet li hemm referenza għalihom hawn fuq, is-sospensjoni parzjali tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' SST tkun estiża għal perijodu ieħor ta' sena, skond l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku.
- (9) Jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni ma jibqgħux applikabbli aktar, jistgħu jerġgħu jiddaħħlu l-miżuri *anti-dumping* u s-sospensjoni parzjali tiġi revokata minnufih.

D. KONSULTAZZJONI MA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

- (10) Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-industrija tal-Komunità bl-intenzjoni tagħha li testendi s-sospensjoni parzjali tal-miżuri *anti-dumping* u tatha wkoll opportunità li tagħmel il-kummenti tagħha. L-industrija tal-Komunità ma qajmet l-ebda oġġezzjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sospensjoni parzjali tad-dazji *anti-dumping* definittivi imposti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/133/KE hija b'dan estiża sat-18 ta' Novembru 2006.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BROWN
